

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 13.1.2011
KUMM(2010) 804 finali

2010/0390 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja

SEG(2010) 1617 finali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(1) Kuntest tal-proposta

• Raġunijiet u għanijiet għall-proposta

L-UE kmieni f' Awwissu 2010 temmet l-iżborż ta' EUR 46 miljun għal operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja (AMF) lill-Ġeorġja approvata mill-Kunsill f' Novembru 2009. L-assistenza, li ġiet ipprovduta fl-għamla ta' għotjiet, kienet parti minn impenn ta' żewġ operazzjonijiet possibbli tal-AMF għall-istess ammont magħmula mill-Kummissjoni Ewropea fil-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi f' Ottubru 2008¹. L-approvazzjoni tat-tieni AMF kienet kundizzjonali fuq l-eżistenza kontinwa ta' ħtiġijiet ta' finanzjament estern separatament minn dawk koperti mill-arranġament tal-FMI.

F'ittra mill-10 ta' Mejju 2010, il-Ministru tal-Finanzi Ġeorġjan talab l-attivazzjoni tat-tieni parti tal-impenn mill-Kummissjoni tal-fondi tal-UE, li jammontaw għal EUR 46 miljun. F'dan il-kuntest, fil-bidu ta' Settembru, tim tal-Kummissjoni Ewropea żar il-Ġeorġja sabiex jivvaluta s-sitwazzjoni makroekonomika u l-prospetti tal-pajjiż fl-2010-11, billi jiffoka fuq il-bilanċ tal-pagamenti u l-ħtiġijiet baġitarji.

Il-Kummissjoni tqis li l-attivazzjoni tat-tieni parti tal-AMF impenjata fl-2008 hija ġġustifikata. Għalkemm l-ekonomija Ġeorġjana qiegħda tirkupra (wara x-xokk doppju kkawżat mill-kunflitt militari mar-Russja f' Awwissu 2008 u l-kriżi finanzjarja globali), il-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjoni baġitarja għadhom dgħajfa u vulnerabbli. B'mod partikolari, l-effetti li għad fadal mill-kunflitt mar-Russja, inkluż l-imblokk tal-maġġor parti tal-kummerċ dirett ma' dan il-pajjiż u n-nuqqas ta' influssi ta' investiment barrani dirett (IBD) biex jiġu rkuprati għal-livell tagħhom ta' qabel il-kriżi, flimkien ma' defiċit li għadu ferm imdaqqs tal-kont kurrenti u obbligi sostanzjali għall-ħlas lura tad-dejn (b'konċentrazzjoni serja mistennija għall-2012-14), irendu fraġli l-bilanċ tal-pagamenti.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tipproponi AMF ulterjuri lill-Ġeorġja, li tammonta għal EUR 46 miljun. L-AMF tal-UE sejra tkun immirata biex tikkontribwixxi għall-kopertura tal-ħtiġijiet tal-pajjiż għal finanzjarjament estern, kif identifikat b'kooperazzjoni mal-FMI fil-kuntest tal-Akkordju ta' Riżerva tal-FMI (SBA) ta' USD 1.17 biljun, fis-seħħ minn Ottubru 2008. L-assistenza proposta tkun ipprovduta nofs f' għotjiet u nofs f' selfiet.

L-AMF ġdida tikkontribwixxi biex tgħin lill-Ġeorġja tindirizza l-konsegwenzi ekonomiċi tal-kunflitt mar-Russja u l-kriżi globali. L-AMF l-ġdida sejra tappoġġja l-aġenda tar-riforma ekonomika tal-gvern. Din tnaqqas il-vulnerabilità finanzjarja għal żmien qasir li għadha qed taffaċċja l-ekonomija, filwaqt li tappoġġja miżuri ta' riforma li jimmiraw lejn l-ilħuq ta' bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja aktar sostenibbli fi żmien medju. L-assistenza tippromwovi wkoll miżuri politiċi sabiex issaħħu l-immaniġjar tal-finanzi pubbliċi (li jibnu fuq dawk tal-operazzjoni preċedenti u tal-operazzjoni tal-UE għall-appoġġ settorjali tal-baġit), kif ukoll miżuri biex titrawwem l-integrazzjoni ekonomika u finanzjarja mal-UE, b'mod partikolari billi

¹ L-assistenza totali impenjata f'din il-Konferenza tad-Donaturi mill-KE ammontat sa EUR 500 miljun u kienet immirata biex tappoġġja l-ekonomija Ġeorġjana fil-konsegwenzi tal-kunflitt armat mar-Russja f' Awwissu 2008 u fil-kuntest tal-kriżi globali finanzjarja.

jisfruttaw il-potenzjal offrut mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fil-ġejjieni, li jimmira li jikkonkludi Ftehim estensiv u komprensiv dwar il-Kummerċ Ħieles bejn iż-żewġ partijiet.

L-AMF proposta ġdida tkun eċċezzjonali u limitata fiż-żmien u hija maħsuba li timxi b'mod parallel mal-SBA. Din sejra tikkumplimenta l-appoġġ minn donaturi internazzjonali u bilaterali.

- **Kuntest ġenerali**

Fil-konsegwenza tax-xokk doppju minħabba l-kunflitt militari mar-Russja ta' Awwissu 2008 u l-kriżi globali, l-ekonomija Ġeorġjana qiegħda turi sinjali ta' rkupru. Wara sentejn ta' tkabbir dgħajjef jew negattiv, l-2010 hija mistennija li tara l-qawmien mill-ġdid tal-attività ekonomika. Filwaqt li l-2009 rat kontrazzjoni tal-PDG reali minn 3.9%, l-ewwel nofs tal-2010 irreġistra żieda qawwija fit-tkabbir ta' 6.6% (fuq bażi annwali). L-inflazzjoni annwali tal-IPK hija mistennija li żżid u tilħaq aktar minn 8% sa tmiem l-2010, filwaqt li tirrifletti parzjalment iż-żieda fil-prezzijiet taċ-ċereali importati. Wara l-irkupru ekonomiku, il-gvern iddeċieda li jirrestrinġi l-politika baġitarja u monetarja tiegħu. Skont il-programm miftiehem mal-FMI, id-defiċit fiskali għandu jitnaqqas minn 9.2% tal-PDG fl-2009 sa 6.3% fl-2010 u 4.8% tal-PDG fl-2011. Il-politika monetarja bdiet issir aktar stretta fis-Sajf, b'żieda moderata fir-rata tal-imġax tal-politika ewlenija, sabiex tkun ikkontrollata l-inflazzjoni.

Filwaqt li l-irkupru ekonomiku jidher li qiegħed jissoda, is-sitwazzjoni ekonomika tibqa' vulnerabbli minħabba li l-finanzjament tal-defiċit kbir tal-kont kurrenti jibqa' inċert. Billi dgħajfet id-domanda domestika, il-kriżi kkontribwixxiet għat-tnaqqis bin-nofs tad-defiċit fil-kont kurrenti fl-2009. Madankollu, id-defiċit jibqa' kbir ħafna u huwa mbassar li jilħaq 12.0% tal-PDG fl-2010, u s-sitwazzjoni mhijiex mistennija li titjieb fl-2011. L-esportazzjonijiet tal-Ġeorġja jkomplu jsofru mill-embargo kummerċjali impost mir-Russja fl-2006 u estiż fl-2008.

Għall-2010-11, il-finanzjament tal-kont kurrenti għadu inċert. L-influssi mill-IBD ġew affettwati b'mod negattiv mill-kriżi u huma pproġettati li jkomplu jonqsu fl-2010, filwaqt li mhuwix mistenni rkupru kbir fl-influssi tal-IBD fl-2011. Din il-prestazzjoni diżappuntanti tal-influssi tal-IBD tpoġġi fir-riskju l-finanzjament tal-kont kurrenti u l-akkumululu ta' riżervi ta' valuti internazzjonali u turi li l-fiduċja ta' investituri barranin, li waqgħet b'mod drammatiku minħabba l-kunflitt militari mar-Russja fl-2008, għadha ma reġgħetx inbniet. Dan jirrifletti wkoll it-telf tas-saħħa fil-proċess ta' privatizzazzjoni, minħabba li ħafna mill-assi statali l-aktar attraenti diġà nbiegħu.

Għalkemm ir-riżervi internazzjonali grossi rkupraw minn livell baxx ta' USD 1.5 biljun milħuq matul il-kriżi għal USD 2.1 biljun fl-aħħar ta' Settembru 2010, huma għadhom f'livell inferjuri, b'partikolari peress li dan l-irkupru ntlaħaq parzjalment permezz ta' self mill-FMI. Ir-riżervi netti internazzjonali fil-fatt naqsu minn USD 850 miljun f'Settembru 2008 għal USD 740 miljun f'Settembru 2010. Vulnerabilità ulterjuri fil-bilanċ tal-pagamenti tirrigwarda l-livell għoli ta' dejn pubbliku estern u ħtieġa sinifikanti għal estensjoni tad-dejn fis-snin li ġejjin.

F'Settembru 2008, il-FMI approva Akkordju ta' Riżerva ta' 18-il xahar għall-Ġeorġja, li jiswa USD 750 miljun. Matul ir-reviżjoni tat-tielet programm, approvat mill-Bord Eżekuttiv tal-FMI f'Awwissu 2009, l-Akkordju ta' Riżerva ġie estiż sal-14 ta' Ġunju 2011 u l-pakkett ta' finanzjament ġie miżjud, li jtella' t-total tal-

programm tal-Akkordju ta' Riżerva għal USD 1.17 biljun. Il-programm jibqa' skont kif ippjanat: fid-9 ta' Lulju 2010, il-Bord tal-FMI lesta s-sitt reviżjoni tal-Akkordju ta' Riżerva tal-FMI, u kkonkluda li r-rendiment skont il-programm kien sodisfaċenti ferm. Ir-reviżjoni tal-FMI li jmiss, li tgħaqqad is-seba' u t-tmien reviżjoni, hija skedata għal Novembru 2010.

Il-pakkett ta' appoġġ ġenerali għall-2008-2010 imwiegħed mill-komunità internazzjonali tad-donaturi waqt il-Konferenza tad-Donaturi 2008 ammonta għal USD 4.5 biljun, li jinkludu biljun USD mill-Istati Uniti, USD 200 miljun mill-Ġappun, USD 173 miljun mill-Istati Membri tal-UE u USD 2.4 biljun mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Multilaterali. L-impenn totali tas-settur pubbliku ammonta għal USD 2.6 biljun u l-iżborżi relatati ma' dan l-impenn ingħataw prijorità kbira.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Xejn

- **Konsistenza mal-politiki u l-oġettivi l-oħrajn tal-Unjoni**

Il-Ġeorġja huwa wieħed mill-pajjiżi sħab tal-UE fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV). Il-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV bejn l-UE u l-Ġeorġja ġie adottat f'Novembru 2006 għal perjodu ta' ħames snin. L-Unjoni Ewropea għandha interess vitali li tara li jkun hemm stabbiltà, governanza aħjar u żvilupp ekonomiku fuq il-fruntieri tagħha tal-Lvant. Għal dan il-għan, l-inizjattiva tas-Sħubija tal-Lvant tnediet uffiċjalment mill-UE u sitt pajjiżi msieħba matul is-Samit ta' Praga tas-7 Mejju 2009.

Il-Kummissjoni Ewropea impenjat sa EUR 500 miljun f'assistenza lill-Ġeorġja fil-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi ta' Ottubru 2008. Is-sorsi tal-iffinanzjar jinkludu ż-żewġ fondi pprogrammati taħt il-pakkett tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) u l-istrumenti ta' kriżi, bħall-Istrument għall-Istabbiltà, l-Għajnuna Umanitarja u l-Assistenza MakroFinanzjarja. Il-pakkett jipprovdi risposta diretta għat-tbatija ekonomika u soċjali li l-pajjiż ġarrab bħala riżultat tal-kunflitt militari f'Awwissu 2008 u l-konsegwenza tal-kriżi finanzjarja globali. L-AMF tal-UE tikkomplementa strumenti ta' assistenza oħrajn billi tipprovdi appoġġ makroekonomiku għal żmien qasir lill-Ġeorġja fil-kuntest tal-Akkordju ta' Riżerva appoġġjat mill-FMI. Hija tikkomplimenta wkoll l-appoġġ baġitarju tal-ENPI, li jikkontribwixxi biex ikopri l-ħtiġijiet għall-finanzjament tal-Ġeorġja u huwa marbut ma' riformi settorjali speċifiċi.

Il-proposta għal AMF ġdida lill-Ġeorġja hija konsistenti għal kollox mal-linji gwida għall-AMF, kif iprovdut mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2002 dwar l-AMF u l-ittra ta' appoġġ mill-President tal-Kunsill lill-President tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, u kif spjegat f'aktar dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkompanja l-proposta tal-Kummissjoni, il-proposta hija konsistenti mal-linji gwida li ġejjin: karattru eċċezzjonali, prekondizzjonijiet politiki, kumplimentarjetà, kundizzjonalità u dixxiplina finanzjarja.

(2) **Konsultazzjoni tal-partijiet interessati u valutazzjoni tal-impatt**

- **Konsultazzjoni tal-partijiet interessati**

L-AMF hija pprovduta bħala parti integrali tal-appoġġ internazzjonali għall-irkupru ekonomiku wara l-kunflitt tal-Ġeorġja. Is-servizzi tal-Kummissjoni kkooperaw mill-qrib mal-Bank Dinji fit-tnejniet għall-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi u saru konsultazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett impenjat mad-donaturi multilaterali u bilaterali. Fil-preparazzjoni ta' din il-proposta għal AMF, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw mal-Fond Monetarju Internazzjonali. Il-Kummissjoni kkonsultat mal-Istati Membri tal-UE fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju qabel ma ssottomettiet il-proposta tagħha għal AMF. Il-Kummissjoni żammet ukoll kuntatt regolari mal-gvern Ġeorġjan.

- **Ġabra u użu ta' ħila esperta**

Sejra titwettaq Valutazzjoni Operazzjonali li tivverifika l-kwalità u l-affidabilità ta' ċirkwiti finanzjarji pubbliċi u l-proċeduri amministrattivi tal-Ġeorġja mill-Kummissjoni bl-assistenza ta' esperti esterni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-AMF u l-programm ta' aġġustament ekonomiku u riforma marbut magħha sejrjn jgħinu biex jittaffew il-ħtiġijiet għal finanzjament fuq żmien qasir tal-Ġeorġja filwaqt li jappoġġaw il-miżuri politiċi mmirati lejn it-tisħiħ tal-bilanċ tal-pagamenti fuq terminu medju u s-sostenibbiltà fiskali, lejn iż-żieda tat-tkabbir sostenibbli u lejn il-promozzjoni tal-integrazzjoni ekonomika u l-konverġenza regolatorja mal-UE. Hija ser tgħin ukoll biex ittejjeb l-effiċjenza u t-trasparenza tal-immaniġjar tal-finanzi pubbliċi, billi tibni fuq l-impatt pożittiv tal-operazzjoni preċedenti tal-AMF fil-pajjiż. L-AMF sejra tappoġġja wkoll l-istabilizzazzjoni makroekonomika u l-politiki strutturali tal-programm miftiehem mal-FMI.

(3) **Elementi legali tal-proposta**

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

L-Unjoni Ewropea għandha tagħmel AMF disponibbli għall-Ġeorġja, li nofsa sejra tiġi pprovduta bħala għotjiet u nofsa bħala self, għal ammont massimu totali ta' EUR 46 miljun. L-assistenza sejra tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet esterni residwi ta' finanzjament 2009-2011 tal-Ġeorġja, kif identifikati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-istimi tal-FMI.

L-assistenza hija ppjanata li tiġi żburżata fl-2011 f'żewġ pagamenti parzjali indaq, kull wieħed minnhom jikkonsisti f'element ta' għotja u ta' self. L-assistenza sejra tiġi mmaniġjata mill-Kummissjoni. Sejrjn jitqiesu dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet oħra, konsistenti mar-Regolament Finanzjarju. L-iżborż tal-ewwel pagament parzjali huwa mistenni li jseħħ fl-ewwel trimestru tal-2011. It-tieni pagament parzjali, li jiddependi fuq għadd ta' miżuri ta' politika, jista' jiġi żburżata fit-tielet trimestru tal-2011.

Bħas-soltu bl-istrument tal-AMF, l-iżborżi jkunu jiddependu fuq reviżjonijiet ta' programm ta' suċċess taħt l-Akkordju ta' Riżerva tal-FMI. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ġeorġjani jaqblu fuq miżuri speċifiċi ta' riforma strutturali fil-Memorandum ta' Fehim. Fil-kuntest tal-operazzjonijiet preċedenti tal-AMF, is-servizzi tal-Kummissjoni ħadmu mill-qrib mal-awtoritajiet Ġeorġjani dwar

riformi tal-immaniġjar tal-finanzi pubbliċi (MFP) li jimmiraw li jstabilixxu sistema tal-MFP aktar trasparenti, koerenti u responsabbli. Fl-operazzjoni tal-AMF l-ġdida, l-ambitu tal-kundizzjonalità tal-politika jitwessa', b'mod partikolari għal miżuri immirati biex issaħħu l-integrazzjoni ekonomika u finanzjarja kif ukoll l-armonizzazzjoni regolatorja mal-UE f'oqsma magħżula, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV u b'kunsiderazzjoni tal-kuntest il-ġdid maħluq mill-pjan li jiġi konkluż Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja. Wara l-implimentazzjoni b'suċċess tal-aħħar AMF, fejn l-awtoritajiet Ġeorġjani urew ir-rieda politika u l-kapaċità biex jimplimentaw riformi strutturali, il-Kummissjoni temmen li din it-tieni operazzjoni tal-AMF tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-aġenda tal-gvern għal riformi strutturali. Il-kundizzjonijiet sejrini ikunu konsistenti mal-prijoritajiet tal-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV bejn l-UE u Ġeorġja.

Id-deċizzjoni li tiġi żburżata nofs l-assistenza proposta f'għotjiet u n-nofs l-ieħor f'self hija ġġustifikata mil-livell ta' żvilupp (kif imkejje bid-dħul tagħha skont il-kapital) u l-indikaturi tad-dejn tal-Ġeorġja, u mit-titjib riċenti fis-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiż. L-użu sħiħ ta' għotjiet fl-operazzjoni ta' qabel kellu jiġi mifhum bħala deċizzjoni eċċezzjonali għustifikata miċ-ċirkostanzi diffiċli ħafna li l-Ġeorġja sab ruħu fihom lejn l-aħħar tal-2008. It-taħlita ta' għotjiet u self hija wkoll konsistenti mal-fatt li għall-Bank Dinji, minn Jannar 2009, il-Ġeorġja kien pajjiż ta' taħlit. Għall-operazzjonijiet li jmiss tal-Bank Dinji, il-pajjiż huwa mistenni li jirċievi terz tal-assistenza tal-Bank Dinji fl-għamla tas-self tal-IDA, filwaqt li żewġ terzi tal-assistenza huma mistennija li jiġu pprovduti fuq termini tal-IBRD.

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għal din il-proposta huwa l-Artikolu 212 tat-TFUE.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza mħallta tal-UE. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sal-punt li l-oġettivi tar-restawr tal-istabilità makroekonomika għal perjodu ta' żmien qasir fil-Ġeorġja ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri waħedhom u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea. Ir-raġunijiet ewlenin huma l-limitazzjonijiet baġitarji mil-huqa fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni tad-donaturi b'saħħitha sabiex tiġi massimizzata l-iskala tal-assistenza.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità: tillimita ruħha għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' stabilità makroekonomika fuq perjodu ta' żmien qasir u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak l-iskop.

Kif identifikat mill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-istimi tal-FMI fil-kuntest tal-Akkordju ta' Riżerva, l-ammont tal-assistenza jikkorrispondi għal 14% tad-distakk fil-finanzjament residwu għall-perjodu 2009-2011. Dan huwa meqjus bħala livell xieraq ta' kondivizzjoni tal-piż għall-UE, minħabba l-assistenza mwieġħda lill-Ġeorġja mill-Istati Membri tal-UE u donaturi bilaterali u kredituri multilaterali oħrajn.

- **L-għażla tal-istrumenti**

Strumenti proposti: oħrajn.

Strumenti oħrajn ma jkunux adegwati minħabba li, fin-nuqqas ta' regolament ta' qafas għall-istrument tal-Assistenza MakroFinanzjarja, deċiżjonijiet ad hoc tal-Kunsill skont l-Artikolu 212 tat-TFUE huma l-uniku strument legali disponibbli għal din l-assistenza.

Il-finanzjament jew assistenza teknika tal-proġetti ma jkunux xierqa biex jindirizzaw dawn l-għanijiet makroekonomiċi. Il-valur miżjud ewlieni tal-AMF meta mqabbel ma' strumenti oħrajn tal-UE jkun biex itaffi r-restrizzjoni finanzjarja esterna u biex jgħin johlq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi jippromwovi bilanċ ta' pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, u qafas xieraq għar-riformi strutturali. Billi tgħin biex jiġi stabilit qafas ġenerali xieraq għall-politiki makroekonomiċi u strutturali, l-AMF tista' żżid l-effikaċja tal-azzjonijiet iffinanzjati fil-Ġeorġja taħt strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE ffokati b'mod aktar dejjaq.

(4) Implikazzjonijiet baġitarji

L-element ta' għotja tal-assistenza ta' EUR 23 miljun ikun iffinanzjat mill-appropriazzjonijiet ta' impenn tal-baġit 2011, taħt il-linja baġitarja 01 03 02 (Assistenza makroekonomika), bi ħlasijiet li jsiru fl-2011.

B'mod konformi mar-Regolament tal-Fond ta' Garanzija², il-proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija huwa mistenni li jseħħ fl-2013 u li jkun jammonta għal massimu ta' EUR 2.1 miljun. Dan jikkorrispondi għal 9% tas-self ta' EUR 23 miljun mistenni li jiġi żburżat fl-2011.

(5) Informazzjoni addizzjonali

- **Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/terminazzjoni**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' terminazzjoni. L-AMF proposta sejra tkun magħmla disponibbli għal 2.5 snin li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Fehim.

² L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterna (verżjoni kodifikata). Il-proviżjonament huwa approprjat mill-“proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija” (linja baġitarja 01 04 01 14).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 212 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni³,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz ta' att leġiżlattiv lill-Parlamenti Nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja⁴,

Billi:

- (1) Ir-relazzjonijiet bejn il-Ġeorġja u l-Unjoni Ewropea qegħdin jiżviluppaw fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Fl-2006, l-UE u l-Ġeorġja qablu dwar Pjan ta' Azzjoni għal Politika Ewropea tal-Viċinat li jidentifika l-prijoritajiet fuq perjodu ta' żmien medju fir-relazzjonijiet bejn l-UE u Ġeorġja. Fl-2010, l-UE u l-Ġeorġja niedew in-negozjati ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni li huwa mistenni li jieħu post il-Ftehim eżistenti ta' Sħubija u Kooperazzjoni. Il-qafas tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ġeorġja huwa msaħħaħ aktar bis-Sħubija tal-Lvant li għadu kemm tnieda.
- (2) Fl-1 ta' Settembru 2008, il-Kunsill Ewropew straordinarju ikkonferma r-rieda tal-UE li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn l-UE u Ġeorġja fil-konsegwenzi tal-kunflitt armat ta' Awwissu 2008 bejn il-Ġeorġja u r-Russja.
- (3) L-ekonomija Ġeorġjana ġiet affettwata mill-kriżi finanzjarja internazzjonali sa mit-tielet trimestru tal-2008, b'nuqqas fil-produzzjoni, tnaqqis fid-dħul fiskali u żieda fil-ħtiġijiet esterni ta' finanzjament.
- (4) Fil-Konferenza Internazzjonali tad-Donaturi li saret f'Ottubru 2008, il-komunità internazzjonali wegħdet appoġġ għall-irkupru ekonomiku tal-Ġeorġja skont il-Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet Konġunta mwettqa min-Nazzjonijiet Uniti u mill-Bank Dinji.
- (5) L-Unjoni Ewropea ħabbret sa EUR 500 miljun f'assistenza għall-Ġeorġja.

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁴ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... 2010 u Deċizzjoni tal-Kunsill ta' ... 2010.

- (6) L-aġġustament u l-irkupru ekonomiku tal-Ġeorġja huwa appoġġjat permezz ta' assistenza finanzjarja tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI). F'Settembru 2008, l-awtoritajiet tal-Ġeorġja ftehm mal-FMI fuq Akkordju ta' Riżerva ta' USD 750 miljun biex jappoġġa lill-ekonomija Ġeorġjana sabiex tikseb l-aġġustament meħtieġ għall-kriżi ekonomika.
- (7) Wara aktar deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u reviżjoni neċessarja tas-suppożizzjonijiet ekonomiċi sottostanti tal-programm kif ukoll tal-ħtiġijiet oġhla ta' finanzjament barrani, intlaħaq qbil bejn il-Ġeorġja u l-FMI għal estensjoni ta' USD 424 miljun tal-Akkordju ta' Riżerva, li ġie approvat f'Awwissu 2009 mill-Bord tal-FMI.
- (8) Fl-2010-2012, l-Unjoni Ewropea biħsiebha tipprovdi taħt l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija (ENPI), għotjiet ta' appoġġ baġitarju ta' total ta' EUR 37 miljun kull sena.
- (9) Il-Ġeorġja talbet assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni Ewropea fid-dawl tad-deterjorazzjoni fis-sitwazzjoni u l-prospetti ekonomiċi.
- (10) Minħabba li għad hemm lakuna finanzjarja residwa fil-bilanċ tal-pagamenti, l-assistenza makrofinanzjarja titqies bħala rispons xieraq għat-talba tal-Ġeorġja fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali sabiex tiġi appoġġata l-istabilizzazzjoni ekonomika flimkien mal-programm tal-FMI attwali.
- (11) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex sempliċement tissupplimenta l-programmi u r-riżorsi mill-FMI u l-Bank Dinji, iżda għandha tiżgura l-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni.
- (12) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-miżuri meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u politiki oħrajn rilevanti tal-Unjoni.
- (13) L-għanijiet speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabilità. Dawn l-għanijiet għandhom jiġu mmonitorjati regolarment mill-Kummissjoni.
- (14) Il-kundizzjonijiet sottostanti għall-provvediment ta' assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni għandhom jirriflettu l-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tal-politika tal-Unjoni rigward il-Ġeorġja.
- (15) Sabiex tiġi żgurata protezzjoni effiċjenti tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea marbuta ma' din l-assistenza makrofinanzjarja, huwa meħtieġ li l-Ġeorġja tadotta miżuri xierqa rigward il-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, frodi, korruzzjoni u irregolaritajiet oħra marbutin ma' din l-assistenza. Huwa wkoll meħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi għal kontrolli xierqa u li l-Qorti tal-Awdituri tipprovdi għal awditi xierqa.
- (16) Ir-rilaxx tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni Ewropea huwa bla ħsara għall-poteri tal-awtorità baġitarja.
- (17) Din l-assistenza għandha tiġi mmaniġjata mill-Kummissjoni. Sabiex tiżgura li l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju jkun jistgħu jsewgu l-

implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tinformahom regolarment dwar żviluppi relatati mal-assistenza u għandha tipprovdihom bid-dokumenti rilevanti.

- (18) Skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi mill-Kummissjoni għandhom jiġu stabiliti bil-quddiem permezz ta' regolament adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Sakemm isseħħ l-adozzjoni ta' dak ir-regolament ġdid, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni kkonferiti fuq il-Kummissjoni⁵ tkompli tapplika, bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, li mhijiex applikabbli,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Unjoni Ewropea għandha tagħmel assistenza finanzjarja disponibbli għall-Ġeorġja, b'ammont massimu ta' EUR 46 miljun, sabiex tappoġġa l-istabilizzazzjoni ekonomika tal-Ġeorġja u tkopri l-ħtiġijiet tagħha tal-bilanċ tal-pagamenti kif identifikat fil-programm attwali tal-FMI. Minn dan l-ammont, sa EUR 23 miljun għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' għotjiet u sa EUR 23 miljun fil-forma ta' self. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja proposta huwa soġġett għall-approvazzjoni tal-Baġit 2011 mill-Awtorità Baġitarja.
2. Sabiex tiffinanzja l-komponent tas-self tal-assistenza, il-Kummissjoni hija awtorizzata li tissellef ir-riżorsi meħtieġa f'isem l-Unjoni Ewropea. Is-self għandu jkollu maturità massima ta' 15-il sena.
3. Ir-rilaxx tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għandu jkun amministrat mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew akkordji milħuqa bejn l-FMI u l-Ġeorġja u mal-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tar-riforma ekonomika stabiliti fil-Ftehim tas-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u Ġeorġja. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, bl-iżviluppi fl-immaniġjar tal-assistenza u għandha tipprovdihom bid-dokumenti rilevanti.
4. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun magħmula disponibbli għal sentejn u sitt xhur li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Fehim li hemm referenza għalih fl-Artikolu 2(1).

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni, li taġixxi skont il-proċedura konsultattiva li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 6(2), għandha tkun mogħtija s-setgħa li taqbel mal-awtoritajiet tal-Ġeorġja dwar il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji meħmuża mal-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni Ewropea, li għandhom jiġu stabiliti

⁵ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

f'Memorandum ta' Fehim li għandu jinkludi perjodu ta' żmien għat-twertiq tagħhom (minn hawn 'il quddiem "Memorandum ta' Fehim"). Il-kundizzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew akkordji msemmija fl-Artikolu 1(3). Dawn il-kundizzjonijiet se jrin jimmiraw, b'mod partikolari, li jsaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabilità tal-assistenza, inklużi sistemi ta' mmaniġjar tal-finanzi pubbliċi fil-Ġeorġja. Il-progress biex jintlaħqu dawn l-għanijiet għandu jiġi mmonitorjat regolament mill-Kummissjoni. Il-patti dettaljati dwar l-assistenza finanzjarja għandhom jiġu stabiliti fil-Ftehim tal-Għotja u l-Ftehim ta' Self li għandhom jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Ġeorġja.

2. Matul l-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-validità tal-akkordji finanzjarji tal-Ġeorġja, il-proċeduri amministrattivi u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għal din l-assistenza u l-aderenza mal-perjodu ta' żmien miftiehem.
3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-politiki ekonomiċi tal-Ġeorġja jkunu skont l-għanijiet tal-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni Ewropea u li l-kundizzjonijiet miftiehma tal-politika ekonomika qegħdin jiġu mħarsa b'mod sodisfaċenti. Billi tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Dinji, u, fejn meħtieġ, mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

Artikolu 3

1. Soġġett għall-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għandha tkun magħmula disponibbli mill-Kummissjoni lil Ġeorġja f'żewġ pagamenti parzjali, li kull waħda minnhom jikkonsisti f'element ta' għoti u element ta' self. Id-daqs ta' kull pagament parzjali għandu jiġi stabilit fil-Memorandum ta' Fehim.
2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali f'fażijiet soġġett għall-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika miftiehma fil-Memorandum ta' Fehim. L-iżborż tat-tieni pagament parzjali ma għandux iseħħ aktar kmieni minn tliet xhur wara li jinħareġ l-ewwel pagament parzjali.
3. Il-fondi tal-Unjoni Ewropea għandhom jitħallsu lill-Bank Nazzjonali tal-Ġeorġja. Soġġett għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma fil-Memorandum ta' Fehim, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti lit-Teżor tal-Ġeorġja bħala l-benefiċjarju finali.

Artikolu 4

1. L-operazzjonijiet tal-għoti jew teħid tas-self relatati mal-komponent ta' selfa tal-assistenza mill-Unjoni Ewropea għandhom isiru fil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur u ma għandhomx jinvolvu lill-Unjoni Ewropea fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet, fi kwalunkwe riskju fir-rata tal-kambju jew tal-imgħax, jew fi kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.

2. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi meħtieġa, jekk il-Ġeorġja titlob dan, biex tiżgura li klawnsola dwar hłas kmieni tiġi inkluża fil-patti u l-kundizzjonijiet tas-self u li tkun appoġġjata minn klawnsola korrispondenti fil-patti u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet tat-teħid ta' self.
3. Fuq talba tal-Ġeorġja u fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-selva, il-Kummissjoni tista' tirrifinanzja t-teħidiet ta' self inizjali kollha tal-Ġeorġja jew parti minnhom jew tirruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament jew ta' ristrutturar għandhom jitwettqu skont il-kundizzjonijiet stabiliti fil-paragrafu 1 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità medja tat-teħid ta' self konċernat jew li jżidu l-ammont tal-kapital pendenti fid-data tar-rifinanzjament jew ristrutturar.
4. Il-kostijiet kollha sostnuti mill-Unjoni Ewropea li huma relatati mal-operazzjonijiet tal-għoti jew teħid ta' self skont din id-Deċiżjoni għandhom jiġġarrbu mill-Ġeorġja.
5. Il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandhom jinżammu informati bl-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 5

L-assistenza finanzjarja mill-Unjoni Ewropea għandha tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁶ u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, il-Memorandum ta' Fehim, il-Ftehim ta' Self u l-Ftehim tal-Għotja li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet tal-Ġeorġja għandhom jipprovdu miżuri xierqa fir-rigward tal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra, l-frodi, l-korruzzjoni u irregolaritajiet oħra li jaffettwaw l-assistenza. Sabiex jiżguraw trasparenza akbar fl-immaniġjar u l-iżborż tal-fondi, il-Memorandum ta' Fehim, il-Ftehim ta' Self u l-Ftehim tal-Għotja għandhom jipprovdu wkoll kontrolli, inklużi kontrolli fuq il-post u spezzjonijiet, li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi. Għandhom barra minn hekk jipprovdu awditi, inkluż fejn xieraq awditi fuq il-post, mill-Qorti tal-Awdituri.

Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 7

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena preċedenti, inkluż l-evalwazzjoni tiegħu. Ir-rapport għandu jindika r-rabta bejn il-

⁶ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

kundizzjonijiet tal-politika kif stipulati fil-Memorandum ta' Fehim, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali attwali tal-Ġeorġja u d-deċizzjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti parzjali f' fażijiet tal-assistenza.

2. Mhux aktar tard minn sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' disponibilità msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni *ex post*.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

Anness 3: DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

Assistenza makrofinanzjarja lill-Ġeorġja

1.2. Qasam/oqsma tal-politika konċernata/i fl-istruttura ABM/ABB⁷

Qasam tal-politika: Titolu 01 – Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Attività: 03 – Affarijiet internazzjonali ekonomiċi u finanzjarji

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

X Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja⁸**

Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **l-estenzjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni dirottata lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva:*

“Il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE”

L-oqsma ewlenin tal-attività relatata tad-DĠ ECFIN jirrigwardaw:

1. It-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat permezz tal-appfondiment tal-analiżi ekonomika u t-tisħiħ tad-djalogu politiku u parir dwar l-aspetti ekonomiċi tal-Pjanijiet ta' Azzjoni.

2. L-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja għal pajjiżi terzi sħab, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti.

1.4.2. *Għan/għanijiet speċifiku/speċifiċi u attività/attivitàjiet tal-ABM/ABB ikkonċernati*

Għan speċifiku Nru 3: “L-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi biex isolvu l-kriżijiet tagħhom tal-bilanċ tal-pagamenti u jirrestawraw s-sostenibbiltà tad-dejn estern”

⁷ ABM: Maniġjar Bażat fuq l-Attivitajiet – ABB: Baġittjar Bażat fuq l-Attivitajiet.

⁸ Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) mistennija u l-impatt*

L-assistenza proposta tikkonsisti f' selfa mill-UE ta' EUR 23 miljun u għotja sa EUR 23 miljun lill-Ġeorġja (l-għotja li għandha tiġi ffinanzjata mill-Baġit Ġenerali), bil-għan li tikkontribwixxi għal bilanċ tal-pagamenti aktar sostenibbli. L-assistenza sejra tgħin lill-pajjiż jegħleb it-tbatijiet ekonomiċi u soċjali mġarrba bħala riżultat tal-kunflitt militari f' Awwissu 2008 u l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja globali. Din ser tippromwovi wkoll riformi strutturali mmirati biex iżidu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, it-titjib tal-immaniġjar tal-finanzi pubbliċi u t-tishiġ tal-integrazzjoni ekonomika u l-approssimazzjoni regolatorja mal-UE.

Twettqet evalwazzjoni *ex ante* (ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkompanja l-proposta tal-Kummissjoni) mis-servizzi tal-Kummissjoni f' Settembru-Ottubru 2010 (mill-Unità D2 tad-Direttorat Ġenerali tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji). Din ikkonkludiet li l-assistenza makrofinanzjarja mill-UE kienet ġustifikata.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

L-awtoritajiet, b'mod partikolari l-Ministeru tal-Finanzi, sejr in ikunu meħtieġa li jirrapportaw fuq sett ta' indikaturi lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi regolari. Huma sejr in jipprovdu wkoll rapport komprensiv dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet ta' politika miftiehma qabel l-iżborż tat-tieni pagament parzjali tal-assistenza.

Is-servizzi tal-Kummissjoni sejr in ikomplu jimmonitorjaw l-immaniġjar tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi li qegħdin jitwettqu fil-Ġeorġja fil-preparazzjoni ta' din l-operazzjoni. Id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea lill-Ġeorġja sejra tipprovdi wkoll rapportar regolari dwar kwistjonijiet li huma rilevanti għall-monitoraġġ tal-assistenza. Is-servizzi tal-Kummissjoni sejr in jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mal-FMI u l-Bank Dinji sabiex jibbenefikaw mill-għarfien tagħhom mill-attivitajiet kurrenti fil-Ġeorġja.

Evalwazzjoni *ex post* indipendenti dwar l-assistenza makrofinanzjarja mill-UE pprovduta lill-Ġeorġja 2006-2008 ġiet iffinalizzata f' Jannar 2010. L-operazzjoni tal-AMF implimentata bejn l-aħħar tal-2009 u nofs l-2010 sejra tkun soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* fl-2011. L-operazzjoni attwali sejra tkun soġġetta għal evalwazzjoni *ex post* fi żmien sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' implimentazzjoni tagħha.

Fid-deċiżjoni proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, hu previst rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, li jinkludi evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-operazzjoni ta' assistenza.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li għandhom jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil*

L-iżborż tal-assistenza sejjer jiddependi fuq rekord sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-arranġament attwali ta' tliet snin miftiehem bejn il-Ġeorġja u l-FMI taħt l-Akkordju ta'

Riżerva (SBA). Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha taqbel mal-awtoritajiet Ġeorġjani fuq għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika li għandhom jiġu ssodisfati qabel ma jingħata t-tieni pagament parzjali mill-Kummissjoni. Dawn il-miżuri ta' politika għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet magħmula mill-Ġeorġja mal-FMI. Qabel ma jingħata t-tieni pagament parzjali tal-assistenza, is-servizzi tal-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, għandhom jivverifikaw li l-kundizzjonijiet tal-politika ġew issodisfati.

1.5.2. Valur miżjud tal-involvement tal-UE

Billi tgħin lill-pajjiż jegħleb ix-xokk ekonomiku kkawżat mill-kunflitt mar-Russja u l-kriżi globali, l-AMF tal-UE proposta sejra tikkontribwixxi biex tippromwovi l-istabilità makroekonomika u politika fil-viċinat tal-Lvant /fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant u rabtiet ekonomiċi u politiċi iktar mill-qrib bejn il-Ġeorġja u l-UE. Billi tikkomplimenta r-riżorsi magħmula disponibbli mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u donaturi oħrajn, din tikkontribwixxi għall-effikaċja ġenerali tal-pakkett ta' appoġġ finanzjarju miftiehem mill-komunità internazzjonali tad-donaturi fil-konsegwenzi tal-kriżi.

Minbarra l-impatt finanzjarju tal-AMF, il-programm propost sejjer isaħħaħ l-impenn ta' riforma tal-Gvern u l-aspirazzjoni tiegħu lejn relazzjonijiet aktar mill-qrib mal-UE. F'kuntest usa', l-azzjoni proposta tidħol sew fl-approċċ ġenerali tal-UE lejn il-Ġeorġja, li huwa wieħed ta' impenn akbar, kif rifless fil-ftuħ tan-negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li komponent ewlieni tiegħu se tkun il-konklużjoni tal-Żona ta' Kummerċ Ħieles fil-Fond u Komprensiva.

L-operazzjoni tal-AMF żżid valur għall-involvement tal-UE fil-Ġeorġja minħabba li hija mobilizzata biex tgħin lill-Ġeorġja biex titratta diffikultajiet serji tal-bilanċ tal-pagamenti fuq perjodu ta' żmien qasir. Hija mistennija li tgħin biex toħloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi tippromwovi bilanċ ta' pagamenti sostenibbli u sitwazzjoni baġitarja. L-assistenza ssaħħaħ l-implimentazzjoni ta' miżuri qawwija ta' aġġustament u riforma strutturali sabiex tirrimedja dawn id-diffikultajiet. L-assistenza ġenerali tal-appoġġ baġitarju, kif ipprovdut skont l-ENPI, għandha objettivi iktar fit-tul orjentati lejn l-iżvilupp u ma tkunx xierqa bħala strument ta' appoġġ għall-bilanċ ta' pagamenti fuq perjodu ta' żmien qasir.

1.5.3. Lezzjonijiet mitgħallma minn esperjenzi simili fil-passat

Evalwazzjoni esterna riċenti ta' assistenza simili pprovduta lill-Ġeorġja fil-passat tindika li l-prattika ta' għażla ta' għadd limitat ta' riformi strutturali ewlenin kienet ta' suċċess u tissuġġerixxi li din il-prattika titkompla b'monitoraġġ xieraq u djalogu dwar il-politika mill-qrib li jinżamm matul il-perjodu tal-implimentazzjoni tal-assistenza. Barra minn hekk, riżultati tajbin fl-aġenda ta' riforma ġenerali matul l-operazzjoni preċedenti tal-AMF tippermetti lill-Kummissjoni sabiex issegwi l-istess orjentazzjoni għall-operazzjoni proposta.

1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħra

Rigward il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti oħrajn tal-UE, il-pakkett tal-UE ta' assistenza lill-Ġeorġja jinkludi fondi pprogrammati taħt il-pakkett tal-ENPI u l-istrumenti ta' kriżi (l-Istrument għall-Istabilità, l-Għajnuna Umanitarja u l-AMF). Il-pakkett jinkludi wkoll il-kostijiet għall-Missjoni ta' Monitoraġġ Ċivili tal-UE fil-Ġeorġja. Permezz tal-appoġġ baġitarju settorjali programmat, il-pakkett tal-ENPI s'issa appoġġa riformi fil-qasam tal-immaniġjar tal-finanzi pubbliċi, is-settur tal-ġustizzja kriminali, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ u l-iżvilupp reġjonali. Għall-perjodu 2011-2013 ġie allokat pakkett ġdida tal-ENPI ta'

EUR 180 miljun. Il-valur ewlieni miżjud tal-AMF meta mqabbel ma' strumenti oħrajn tal-UE jkun li jgħin biex joħloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi jippromwovi l-bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, u qafas xieraq għar-riformi strutturali.

L-AMF ma tippovdix appoġġ finanzjarju regolari u lanqas ma hija maħsuba biex tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi riċevituri. L-AMF għandha titwaqqaf hekk kif il-qagħda finanzjarja esterna tal-pajjiż tkun inġiebet lura fi triq sostenibbli. Wara, strumenti regolari ta' assistenza b'kooperazzjoni mill-UE huma maħsuba li jidħlu fis-seħħ, b'mod partikolari l-appoġġ dirett baġitarju previst taħt ir-Regolament tal-ENPI.

L-AMF hija maħsuba wkoll li tkun kumplimentari mal-interventi mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali; b'mod partikolari l-programmi appoġġati mill-FMI dwar aġġustament u riforma. L-assistenza ta' natura makroekonomika tingħata biss jekk il-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika u finanzjarja jiġu ssodisfati.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– X Proposta/inizjattiva fis-seħħ: għal 2.5 snin mid-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Fehim, kif iddikjarat fl-Art 2(1) tad-Deċiżjoni proposta.

– Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

Proposta/inizjattiva ta' **durata mingħajr limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-SSSS sal-SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' mmaniġjar previst(i)⁹

X Immaniġjar ċentralizzat dirett mill-Kummissjoni

Immaniġjar ċentralizzat indirett bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– aġenziji eżekuttivi

– korpi stabiliti mill-Unjoni¹⁰

– korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku

– persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

Immaniġjar kondiviż mal-Istati Membri

⁹ Id-dettalji dwar il-modi tal-immaniġjar u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit elettroniku BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

¹⁰ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

Immaniġjar deċentralizzat ma' pajjiżi terzi

Immaniġjar kondiviż ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

Jekk tindika iktar minn mod wieħed ta' mmaniġjar, jekk jogħġbok ipprovi dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti :

Sejra tiġi mfittxa kooperazzjoni attiva mid-Delegazzjonijiet tal-UE fil-monitoraġġ tal-assistenza.

2. MIŻURI TA' MMANIĠJAR

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

Din l-assistenza hija ta' natura makroekonomika u l-pjan tagħha huwa konsistenti mal-programm ekonomiku appoġġat mill-FMI. Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni sejjer iseħħ fuq il-bażi tal-progress fl-implimentazzjoni tal-arranġament SBA u miżuri ta' riforma speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet Ġeorġjani f'Memorandum ta' Fehim. L-awtoritajiet, b'mod partikolari, il-Ministeru tal-Finanzi, sejr in ikunu meħtieġa li jirrapportaw fuq sett ta' indikaturi għas-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi trimestrali u sejr in jipprovdur rapport ta' konformità komprensiv qabel l-iżborż tat-tieni pagament parzjali tal-operazzjoni.

Is-servizzi tal-Kummissjoni sejr in ikomplu jimmonitorjaw l-immaniġjar tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi li sejr in jitwettqu mill-Ġeorġja f'Diċembru 2010 fil-preparazzjoni ta' din l-operazzjoni. Id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea lill-Ġeorġja sejra tipprovi wkoll rapportar regolari dwar kwistjonijiet li huma rilevanti għall-monitoraġġ tal-assistenza. Is-servizzi tal-Kummissjoni sejr in jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mal-FMI u l-Bank Dinji biex jibbenefikaw mill-attivitajiet għaddejnin tagħhom fil-Ġeorġja.

Huwa previst rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fid-deċiżjoni proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u, jinkludi valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-operazzjoni ta' assistenza. Barra minn hekk, evalwazzjoni *ex post* indipendenti tal-assistenza hija pplanata li titwettaq mill-Kummissjoni jew mir-rappreżentanti awtorizzati tagħha fi żmien sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

2.2. Sistema ta' mmaniġjar u ta' kontroll

2.2.1. Riskji identifikati

Hemm riskji fiduċjarji, ta' politika u politiċi relatati ma' din l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja.

Hemm riskju li l-assistenza makrofinanzjarja, li mhijiex iddedikata għal spejjeż speċifiċi (għall-kuntrarju tal-finanzjament ta' proġett, pereżempju), tista' tintuża dolożament. F'termini ġenerali, dan ir-riskju huwa relatat ma' fatturi bħall-indipendenza tal-bank ċentrali, il-kwalità tas-sistemi ta' mmaniġjar u proċeduri amministrattivi, funzjonijiet ta' kontroll u sorveljanza fiċ-ċirkwiti finanzjarji, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT, u l-kapaċitajiet adegwati ta' awditjar intern u estern.

F'dak li jirrigwarda riskji ta' politika, is-suppożizzjoni prinċipali hija li l-Gvern tal-Ġeorġja sejjer jibqa' impenjat skont l-aġġustament fiskali u l-konformità mal-ftehim tiegħu mal-FMI. Dan sejjer jiġi vvalidat fuq il-bażi ta' monitoraġġ regolari mill-FMI tal-indikaturi tal-prestazzjoni u l-punti ta' riferiment strutturali. Hemm riskju li l-Gvern tal-Ġeorġja ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet tal-programm tal-FMI, minħabba li jista' jirriżulta aktar diffiċli li jintlaħqu l-miri tal-programm milli kien preżunt u minħabba li l-kundizzjonijiet politiċi fil-pajjiż jistgħu jinbidlu. Madankollu, l-awtoritajiet urew impenn qawwi li jaħdmu ma' istituzzjonijiet internazzjonali sabiex jimplementaw l-aġenda ta' riforma.

Il-konsolidazzjoni tar-riformi u l-istituzzjonijiet demokratiċi hija fil-qalba tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Ġeorġja. Hemm xi nuqqasijiet fl-indipendenza tal-ġudikatura u jeħtieġ li jissaħħa l-isfond tal-midja pluralistika. Il-proċess li għadu għaddej tar-riforma Kostituzzjonali huwa ta' inkoraġġiment iżda jeżistu inċertezzi dwar id-direzzjoni finali li sejjer jieħu. Elezzjonijiet parlamentari nazzjonali huma skedati għall-2012, filwaqt li l-elezzjonijiet presidenzjali huma dovuti fl-2013. B'mod ġenerali, ir-riskji tal-instabilità politika jew treġġigħ lura tar-riformi demokratiċi jibqgħu maniġjabbli.

Fl-aħħarnett, in-nuqqas biex isibu riżoluzzjoni paċifika għall-kunflitt militari mar-Russja jirrappreżenta riskju politiku sinifikanti.

2.2.2. *Metodi ta' kontroll maħsuba*

L-assistenza makrofinanzjarja sejra tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabilità tal-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet**

Is-servizzi tal-Kummissjoni implimentaw programm kontinwu ta' Valutazzjonijiet Operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u proċeduri amministrattivi fil-pajjiżi terzi kollha li jibbenefikaw mill-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni Ewropea sabiex jissodisfaw l-eżiġenzi li joħorġu mir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. Il-konklużjonijiet tal-Valutazzjonijiet ta' Salvagwardja tal-FMI disponibbli u ta' rapporti rilevanti oħra tal-FMI u l-Bank Dinji huma kkunsidrati wkoll.

Fil-Ġeorġja, kmieni f'Diċembru 2010, is-servizzi tal-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' esperti esterni maħtura kif xieraq, sejr inwettqu valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Bank Nazzjonali tal-Ġeorġja. Din ir-reviżjoni sejra tkopri oqsma bħall-istruttura u l-organizzazzjoni tal-immaniġjar, l-immaniġjar u l-kontroll tal-fondi, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT, kapaċità ta' awditjar intern u estern kif ukoll l-indipendenza tal-bank ċentrali. Din sejra tivverifika l-validità tal-aħħar valutazzjoni operazzjonali mwettqa fl-2005 li kkonkludiet li l-qafas għal immaniġjar finanzjarju sod huwa l-aktar effikaċi. B'mod partikolari, hija kkonkludiet li l-Ministeru tal-Finanzi huwa effettiv fir-rigward tal-kontroll baġitarju, iżda jeħtieġ li jissaħħa u jiġi żviluppat fir-rigward tal-kontroll intern fi ħdan l-organizzazzjonijiet baġitarji u l-awditjar intern u estern. Hija kkonkludiet ukoll li l-qafas għal immaniġjar finanzjarja sod fi ħdan il-Bank Nazzjonali tal-Ġeorġja kien effikaċi.

Il-bażi ġuridika proposta għall-assistenza makrofinanzjarja lill-Ġeorġja tinkludi dispożizzjoni dwar il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi. Dawn il-miżuri sejr inwettqu jiġu elaborati aktar f'Memorandum ta' Fehim. Huwa maħsub illi għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika

sejrin jiġu mehmuża mal-assistenza, prinċipalment fil-qasam tal-immaniġjar tal-finanzi pubbliċi, bil-ħsieb li tissaħħaħ l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabilità.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni bi ħsiebha tenfasizza riformi fl-immaniġjar tal-finanzi pubbliċi fil-kundizzjonalità ta' politika marbuta ma' din l-operazzjoni.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-linja/i baġitarja tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti:

01 03 02: Assistenza makroekonomika

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni.....]	AD/AMD ⁽¹¹⁾	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹²	Mill-pajjiżi kandidati ¹³	mill-pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Finanzjarju
4	01 03 02 01 Assistenza makroekonomika	LE	LE	LE	LE	LE

01 04 01 14 – Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura.....]	Diff./mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	Mill-pajjiżi kandidati	mill-pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Finanzjarju
4	01 04 01 14 Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija	AD	LE	LE	LE	LE

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni għandu jiġi allokat skont il-Regolament tal-Fond, kif emendat. F'konformità ma' dan ir-Regolament, is-selfiet huma bbażati fuq l-ammont pendenti fi tmiem is-sena. L-ammont tal-proviżjonament huwa kkalkolat fil-bidu tas-sena "n" bħala d-differenza bejn l-ammont immirat u l-assi netti tal-Fond fl-aħħar tas-sena "n-1". Dan l-ammont tal-proviżjonament huwa introdott fis-sena "n" fil-baġit preliminari "n+1" u għandu jitħallas effettivament fi transazzjoni waħda fil-bidu tas-sena "n+1" mill-"proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija" (linja baġitarja 01 04 01 14). Bħala riżultat ta' dan, 9% (massimu ta' EUR 2.1 miljun) tal-ammont effettivament żburżat sejjer jitqies fl-ammont immirat fit-tmiem tas-sena "n-1" għall-kalkolu tal-proviżjonament tal-Fond.

¹¹ AD= Approprijazzjonijiet Differenzjati / AMD= Approprijazzjonijiet Mhux Differenzjati.

¹² EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹³ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

01 04 01 04 – Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self tal-UE miġbur għal assistenza makrofinanzjarja lill-pajjiżi terzi.

L-annotazzjoni baġitarja (“p.m.”) li tirrifletti l-garanzija baġitarja għas-self (EUR 23 miljun) sejra tiġi attivata biss fil-każ ta’ sejħa effettiva fuq il-garanzija. Mhuwiex mistenni li tissejjaħ il-garanzija baġitarja.

- Linji baġitarji ġodda mitluba: mhux applikabbli.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	4	01 03 02 Assistenza makroekonomika
--	---	------------------------------------

DG: ECFIN			Sena N ¹⁴	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+4	Sena N+5	TOTAL
• Approprjazzjonijiet operazzjonali								
Numru tal-linja baġitarja: 01 03 02	Impenni	(1)		23				23
	Pagamenti	(2)		23				23
• Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹⁵ : tal-valutazzjoni operazzjonali u evalwazzjoni <i>ex post</i>								
Numru tal-linja baġitarja: 01 03 02	Impenni	(3)	0.03			0.15		0.18
	Pagamenti	(4)		0.03		0.05	0.1	0.18
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għal DG ECFIN	Impenni	=1+3	0.03	23		0.15		23.18
	Pagamenti	=2+4		23.03		0.05	0.1	23.18

¹⁴ Is-sena N hija s-sena li fiha l-proposta hija mistennija li tiġi adottata (2010).

¹⁵ Għajjnuna teknika u/jew amministrattiva u nfiq b' appoġġ tal-implimentazzjoni tal-programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (*ex* linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	5	“ Nefqa amministrattiva ”
--	----------	---------------------------

EUR

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
DĠ: ECFIN									
• Riżorsi umani		36,600	36,600	36,600					
• Nefqa amministrattiva oħra: missjonijiet		6,000	15,000	10,000					
TOTAL DĠ ECFIN	Approprjazzjonijiet	48,600	46,600	48,600					

TOTAL ta' approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	48,600	46,600	48,600					
---	-------------------------------------	---------------	---------------	---------------	--	--	--	--	--

EUR)

		Sena N ¹⁶	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
TOTAL ta' approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	48,600	46,600	48,600					
	Pagamenti	48,600	46,600	48,600					

¹⁶ Is-sena N hija s-sena li fiha l-proposta hija mistennija li tiġi adottata (2010).

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali
- x Il-proposta/inizjattiva tehtiġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet tal-impenji f'EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Għanijiet u eżiti indikattivi ↓	Tip ta' eżitu ¹⁷	Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Sena N+4		TOTAL	
		Numru ta' eżiti	Kost	Numru ta' eżiti	Kost	Numru ta' eżiti	Kost	Numru ta' eżiti	Kost	Numru ta' eżiti	Kost	Numru ta' eżiti	Kost
- Eżitu	Provvediment ta' assistenza fl-għamla ta' għotjiet permezz ta' għadd ta' pagamenti parzjali			2	23							2	23
- Eżitu	Twettiq ta' valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti u kontrolli finanzjarji	1	0.03									1	0.03
	Tlestija ta' evalwazzjoni <i>ex post</i> tal-assistenza									1	0.15	1	0.15
KOST TOTALI												23.18	

¹⁷ L-eżiti huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

3.2.2.1. Ħtiġijiet stmati tar-riżorsi umani

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/inizjattiva tehtiġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li għandha titfisser f'ammont sħaħ (jew mhux iktar minn sa post deċimali wieħed)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal snin kemm hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Karigi fil-pjan ta' stabiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni)	0.33	0.33	0.33				
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)	-	-	-				
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)	-	-	-				
10 01 05 01 (Riċerka diretta)	-	-	-				
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)¹⁸							
XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-“pakkett globali”)	-	-	-				
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 yy ¹⁹	- fil-Kwartieri Ġenerali ²⁰						
	- fid-delegazzjonijiet						
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL	0.33	0.33	0.33				

XX hija l-qasam tal-politika jew it-titolu baġitarju konċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa sejin jiġu ssodisfati mill-persunal mid-DĠ li huma diġà assenjati għall-immaniġjar tal-azzjoni u/jew ġew użati mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien jekk meħtieġ ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ maniġerjali taħt il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji. Il-kost tal-persunal meħtieġ huwa stmat fuq il-bażi ta' 30% tan-nefqa annwali għal grad uffiċjali ta' AD5 - AD12

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

¹⁸ CA= Aġent Kuntrattwali; INT= persunal mill-aġenziji ("Intérimaire"); JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażaġħ Delegati); LA= Aġent Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Sekondat.

¹⁹ Taħt il-limitu ta' persunal estern minn approprjazzjonijiet operazzjonali (ex linji "BA").

²⁰ Essenzjalment għal Fondi Strutturali, Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Uffiċjali u aġenti temporanji	Eż. tħejjija ta' memoranda ta' fehim u ftehimiet ta' għotja, koordinazzjoni mal-awtoritajiet u l-IFIs, koordinazzjoni ma' esperti esterni għall-valutazzjonijiet operazzjonali, twettiq ta' missjonijiet ta' analiżi u tħejjija ta' rapporti tal-persunal tal-Kummissjoni, tħejjija ta' proċeduri tal-Kummissjoni marbuta mal-immaniġjar tal-assistenza
Persunal estern	Mhux applikabbli

3.2.3. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

- Proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.
- Proposta/inizjattiva sejra tinvolvi r-riprogrammar tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.
- Proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali²¹.

3.2.4. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdi għal kofinanzjament minn partijiet terzi

3.3. **Impatt stmat fuq id-dħul**

- Proposta/inizjattiva ma għandha ebda impatt fuq id-dħul.
- Proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul mixxellanju

²¹ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.